MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 494/1997/1

**Grima Printing & Publishing Ltd**

**vs.**

**Judy Bonello issa mizzewga Gauci u Antoine L. Gauci li b'digriet tal-25 ta' Marzu 1997 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapresenta lill Nicholas Bugeja, assenti minn Malta, it-tnejn bhal eredi tal-mejjet Kaptan Paul Bugeja u b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Dicembru 2000 gew kjamati fil-kawza Nikolina Bugeja u l-assenti Martin Bugeja u b'digriet datat 13 ta' Gunju 2001 Antoine L. Gauci gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapresentaw lill-assenti Martin Bugeja.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici Grima Printing & Publishing Limited datata 5 ta' Marzu 1997 a fol. 1 tal-process fejn ippremettiet;

Illi s-socjeta' attrici kienet giet inkarigata mill-Kaptan Paul Bugeja sabiex taghmel xoghol ta' stampar ta' diversi kotba kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi l-Kaptan Paul Bugeja gie nieqes u l-konvenuti, bhala uliedu, huma l-werrieta tal-istess Kaptan Paul Bugeja;

Illi meta gie nieqes il-Kaptan Paul Bugeja kien ghadu debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1,735 liema somma tirrapprezenta prezz ta' stampar ta' kotba maghmul ghall-istess Kaptan Paul Bugeja fuq ordni tieghu stess;

Illi l-konvenuti, bhala werrieta ta' missierhom, gew debitament interpellati anke ufficjalment biex ihallsu l-imsemmija somma izda huma xorta baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li l-koonvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti huma werrieta ta' missierhom, il-Kaptan Paul Bugeja u ghalhekk huma responsabbli ghal hlasijiet tad-debiti ta' missierhom versu s-socjeta' attrici;

(2) Tikkundannhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm 1,735 liema somma tirraprezenta prezz ta' stampar ta' kotba maghmul ghall-istess Kaptan Paul Bugeja fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 1995, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istampar sal-pagamwent effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat n-Nota ta' Antione L. Gauci datata 21 ta' Marzu 1997 li accetta l-bandu sabiex jirrapprezenta lill-assenti Nicholas Bugeja u d-digriet datat 25 ta' Marzu 1997.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti diversament presjeduta ghas-seduta tal-10 ta' Marzu 1998;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet datata 9 ta' Frar 1998 tal-konvenuti a fol. 21 tal-process fejn il-konvenuti eccepew :-

(1) Illi, preliminarjament, l-eccipjenti mharrka bl-isem Judy Bonello giet imharrka hazin *stante* li fil-fatt isimha huwa Judy Gauci;

(2) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-gudizzju f'din il-kawza m'huwiex integru *stante* li l-eccipjenti ghandhom biss sest (1/6) indiviz kull wiehed mill-eredita' ta' missierhom Paul Bugeja;

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija intempestiva u/jew improponibbli *stante* l-inadempjenza tal-kumpannija attrici in kwantu ghall-obbligi taghha li taghti rendikont dettaljat tal-kotba stampati u lil min gew distribwiti kif ukoll li jikkonsenjaw il-kotba u materjal iehor relat li ghadhom fil-pussess tal-kumpanija attrici u kif ukoll ghaliex l-istess kumpannija attrici kisret id-drittijiet tal-awtur f'xoghlijiet letterarji tal-imsemmi mejjet Kaptan Paul Bugeja li tieghu l-eccipjenti huma werrieta;

(4) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpannija attrici ghandha tipprova l-ammont allegatament dovut;

(5) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz fic-citazzjoni ghandu jigi pacut ma' ammonti dovuti bhala hlasijiet in konnessjoni mad-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet letterarji tal-imsemmi mejjet Kaptan Paul Bugeja li tieghu l-eccepjenti huma werrieta;

(6) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-kumpanija attrici ghandu jigi pacut ma' ammonti

dovuti lill-eccipjenti bhala aventi kawza tal-mejjet Kaptan Paul Bugeja bhala rizultat ta’ ksur da parti tal-kumpanija attrici tad-drittijiet ta’ l-awtur f’xoghlijiet letterarji tal-istess Kaptan Paul Bugeja u l-eccipjenti qed jipprevalixxu ruhhom minn dawn il-proceduri biex jipprezentaw kontrotalba kontra l-kumpanija attrici f’dan ir-rigward.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista ta’ xhieda  a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti datata 2 ta’ Frar 1998 fejn ppremettew li:-

Illi l-Kaptan Paul Bugeja, missier il-konvenuti rikonvenzjonanti llum mejjet, kien il-proprjetarju tad-drittijiet ta’ awtur f’diversi xoghlijiet letterarji nkluzi “L-Ilsien Taljan”, “Wonderful Malta”, “Taghlim ghal Kulhadd Malti-Ingliz”, “Dictionary of Correct English Usage”, Scenario One” u “Scenario Two”.

Illi l-konvenuti rikonvenzjonanti huma successuri fit-titolu tal-istess mejjet Kaptan Paul Bugeja in kwantu ghal sest (1/6) kull wiehed ghar-rigward id-drittijiet tal-awtur fuq imsemmija.

Illi l-kumpanija attrici rikonvenzjonata kisret id-drittijiet ta’ l-awtur fuq ix-xoghlijiet fuq imsemmija jew liema minnhom billi ghamlet jew gieghelet lil haddiehor jaghmel, minghajr licenzja tal-konvenut u tal-ko-proprjetarji l-ohra, attijiet li l-ghemil taghhom huma kontrollati mid-drittijiet tal-awtur fuq l-istess xoghol partikolarment ir-riproduzzjoni f’forma materjali tal-istess xoghlijiet jew ta’ xi parti sostanzjali minnhom jew liema minnhom fil-forma taghhom originali u/jew f’forma rikonoxxibbli derivata mill-original u d-distribuzzjoni f’Malta f’negozju jew mod iehor ta’ artikoli li dwarhom gew miksura d-drittijiet ta’ l-awtur fuq l-istess xoghlijiet.

Illi l-kumpanija attrici rikonvenzjonata, *nonostante* li giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-

danni jew ghall-hlas tal-penali u ghar-restituzzjoni tal-qliegh kollu li sar mill-ksur tal-istess drittijiet tal-awtur baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess konvenuti rikonvenzjonanti talbu li s-socjeta' attrici tghid ghaliex ghar-ragununijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija attrici rikonvenzjonata kisret id-drittijiet tal-awtur tal-konvenuti rikonvenzjonanti u l-koproprjetarji l-ohra fuq ix-xoghlijiet letterarji tal-mejjet Kaptan Paul Bugeja nkluzi "L-Ilsien Taljan", "Wonderful Malta", "Taghlim ghal Kulhaddd Malti-Ingliz", "Dictionary of Correct English Usage", Scenario One" u "Scenario Two" jew liema minnhom u dan kontra l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 169).

(2) Tinibixxi lill-kumpanija attrici rikonvenzjonata milli taghmel u/jew iggiehel lil haddiehor li jaghmel, minghajr il-licenzja tal-konvenuti rikonvenzjonanti u l-koproprjetarji l-ohra, attijiet li l-eghmil taghhom huma kontrollati mid-drittijiet tal-awtur fuq ix-xoghlijiet fuq imsemmija (sakemm mhux permessi skond il-ligi) inkluz riproduzzjoni f'forma materjali tax-xoghlijiet imsemmija u/jew ta' xi parti sostanzjali minnhom fil-forma originali u/jew f'forma rikonuxxibilment derivata mill-original u/jew tiddistribwixxi f'Malta b'negozju jew mod iehor artikoli li dwarhom gew miksura d-drittijiet ta' l-awtur fuq l-istess xoghlijiet.

(3) Tillikwida d-danni sofferti bhala rizultat tal-istess ksur tad-drittijiet tal-attur.

(4) Tikkundanna lill-kumpanija attrici rikonvenzjonata biex thallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti sest (1/6) kull wiehed tal-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni.

(5) Tillikwida l-qligh kollu li sar mill-ksur tal-imsemmija drittijiet tal-attur.

(6) Tikkundanna lill-kumpanija attrici rikonvenzjonata biex thallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti sest (1/6) kull

wiehed tal-ammont hekk likwidat dovut bhala qliegh li sar mill-ksur tal-imsemmija drittijiet ta' l-awtur.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-kumpanija attrici rikonvenzjonata li r-rapprezentanti legali taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda mal-istess kontro-talba.

Rat id-decizjoni datata 22 ta' Marzu 1999 fejn is-socjeta' attrici inghatat il-fakolta' li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet (fol.43).

Rat id-digriet datat 5 ta' Dicembru 1996 fejn gew kjamati fil-kawza Nikolina u Martin Bugeja.

Rat n-Nota ta' Antoine L. Gauci datata 13 ta' Gunju 2001 li accetta l-bandu sabiex jirrapprezenta lill-assenti Martin Bugeja u d-digriet datat 13 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet datata 13 ta' Gunju 2001 a fol. 71 tal-process tal-kjamati in kawza fejn il-kjamati in kawza ecceppew:-

(1) Illi, preliminarjament, l-azzjoni kontrihom hija preskritta *ai termini* tal-**Artikolu 2147 (a) tal-Kodici Civili (Kap 16)** u sussidjarjament **l-Artikolu 2156 tal-istess Kodici Civili**;

(2) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija intempestiva u/jew improponibbli *stante* l-inadempjenza tal-kumpanija attrici in kwantu ghall-obbligi taghha li taghti rendikont dettaljat tal-kotba stampati u lil min gew distribwiti kif ukoll li jikkonsenjaw il-kotba u materjal iehor relat li ghadhom fil-pussess tal-kumpanija attrici u kif ukoll ghaliex l-istess kumpanija attrici kisret id-drittijiet tal-awtur f'xoghlijiet letterarji tal-imsemmi mejjet Kaptan Paul Bugeja li tieghu l-eccipjenti huma werrieta;

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpanija attrici ghandha tipprova l-ammont allegatament dovut;

(4) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz fic-citazzjoni ghandu jigi pacut ma’ ammonti dovuti bhala hlasijiet in konnessjoni mad-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet letterarji tal-imsemmi mejjet Kaptan Paul Bugeja li tieghu l-eccepjenti huma werrieta;

(5) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-kumpanija attrici ghandu jigi pacut ma’ ammonti dovuti lill-eccipjenti bhala aventi kawza tal-mejjet Kaptan Paul Bugeja bhala rizultat ta’ ksur da parti tal-kumpanija attrici tad-drittijiet ta’ l-awtur f’xoghlijiet letterarji tal-istess Kaptan Paul Bugeja u l-eccipjenti qed jipprevalixxu ruhhom minn dawn il-proceduri biex jipprezentaw kontrotalba kontra l-kumannija attrici f’dan ir-rigward.

Rat il-kontro-talba tal-kjamati in kawza a fol. 75 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-Kaptan Paul Bugeja llum mejjet, ir-ragel tal-kjamata in kawza rikonvenzjonati Nikolina Bugeja u missier il-kjamat in kawza rikonvenzjonanti l-iehor Martin Bugeja, kien proprjetarju tad-drittijiet ta’ l-awtur f’diversi xoghlijiet letterarji inkluzi ‘L-Ilsien Taljan’, ‘Wonderful Malta’, ‘Taghlim ghal Kulhadd Malti-Ingliz’, ‘Dictionary of Correct English Usage’, ‘Scenerio One’ u ‘Scenario Two’.

Illi l-kjamata in kawza rikonvenzjonati Nikolina Bugeja ghandha nofs (1/2) indiviz tad-drittijiet tal-awtur bhala s-sehem taghha fil-komunjoni tal-akkwisti u l-kjamat in kawza rikonvenzjonant l-iehor Martin Bugeja huwa successur fit-titolu tal-istess mejjet Kaptan Paul Bugeja in ghal sest (1/6) indiviz ghar-rigward id-drittijiet tal-awtur fuq imsemmija;

Illi l-kumpanija attrici rikonvenzjonata kisret id-drittijiet ta’ l-awtur fuq ix-xoghlijiet fuq imsemmija jew liema minnhom billi ghamlet jew gieghlet lil haddiehor li jaghmel, minghajr il-licenzja tal-kjamat in kawza u tal-konvenuti li huma l-koproprjetarji l-ohra, attijiet li l-ghemil taghhom huma ikkontrollati mid-drittijiet tal-awtur fuq l-istess xoghlijiet partikolarment ir-riproduzzjoni f’forma materjali tal-istess

xoghlijiet jew xi parti sostanzjali minnhom jew liem minnhom fil-forma taghom originali u/jew f'forma rikonoxxibilment derivat mill-originali u distribuzzjoni f'Malta b'negozju jew mod iehor ta' artikoli li dwarhom gew miksura d-drittijiet ta' l-awtur fuq l-istess xoghlijiet;

Illi l-kumpanija attrici nonostanti li giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-danni jew hlas tal-penali u ghar-restituzzjoni tal-qligh kollu li sar mill-ksur tal-istess drittijiet tal-awtur baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess kjamati fil-kawza talbu li din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija attrici rikonvenzjonata kisret id-drittijiet tal-awtur tal-kjamat in kawza rikonvenzjonanti u l-ko-proprjetarji l-ohra fuq ix-xoghlijiet letterarji tal-mejjet Kaptan Paul Bugeja inkluzi 'L-Ilsien Taljan', 'Wonderful Malta', 'Taghlim ghal Kulhadd Malti-Ingliz', 'Dictionary of Correct English Usage', 'Scenerio One' u 'Scenario Two'.

(2) Tinibixxi lill-kumpanija attrici rikonvenzjonata milli taghmel u/jew iggieghet lil haddiehor li jaghmel, minghajr il-licenzja tal-kjamat in kawza u l-koproprjetarji l-ohra, attijiet li l-ghemil taghhom huma ikkontrollati mid-drittijiet tal-awtur fuq l-istess xoghlijiet fuq imsemmija (sakemm mhux permessi skond il-ligi) inkluz ir-riproduzzjoni tax-xoghlijiet jew xi parti sostanzjali minnhom fil-forma taghhom originali u/jew f'forma rikonoxxibilment derivata mill-originali u/jew tiddistribwixxi f'Malta b'negozju jew mod iehor artikoli li dwarhom gew miksura d-drittijiet ta' l-awtur fuq l-istess xoghlijiet;

(3) Tillikwida d-danni sofferti bhala rizultat tal-istess ksur tad-drittijiet ta' l-awtur;

(4) Tikkundanna lill-kumpanija attrici rikonvenzjonata biex thallas lill-kjamat in kawza rikonvenzjonanti Nikolina Bugeja nofs (1/2) tal-ammont hekk likwidat bhala dovut *in linea* ta' danni u lill-kjamat in kawza l-iehor Martin Bugeja sest (1/6) tal-ammont hekk likwidat bhala dovut *in linea* ta' danni;

(5) Tillikwida l-qligh kollu li sar mill-ksur tal-imsemija drittijiet ta’ l-awtur;

(6) Tikkundanna lill-kumpanija attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-kjamat in kawza rikonvenzjonanti Nikolina Bugeja nofs (1/2) tal-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta’ danni u lill-kjamat in kawza l-iehor Martin Bugeja sest (1/6) tal-ammont hekk likwidat bhala qligh li sar mill-ksur tal-imsemmija drittijiet ta’ l-awtur;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-kumpanija attrici li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda annessi mal-istess kontro-talba.

Rat is-sentenza datata 3 ta’ Marzu 2004 fejn gie ddikjarat li s-socjeta’ attrici ma kenitx ghadha notifikata bil-kontro-talba tal-kjamati fil-kawza (fol. 102).

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet datata 5 ta’ April 2004 tas-socjeta’ attrici rikonvenzjonata Grima Printing & Publishing Limited (a fol. 107) fejn eccepiet is-segwenti:-

(1) Preliminarjament il-fatt illi l-konvenuti rikonvenzjonanti jridu jgibu prova illi d-drittijiet tal-awtur minnhom vantati huma fil-fatt vestiti fihom.

(2) Sekondarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li l-konvenuti rikonvenzjonanti ghandhom is-sehem tad-drittijiet tal-awtur minnhom vantat, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti xorta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-socjeta’ attrici dejjem agixxiet bl-awtorizzazzjoni tal-Kaptan Paul Bugeja meta stampat ix-xoghlijiet imsemmija fir-rikonvenzjoni kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni  u l-lista ta’ xhieda annessa mal-istess.

Rat ix-xhieda kollha prodotta nkluza dik ta’ Godfrey Grima, David Moore, Antione L. Gauci, u ta’ Nicholas Bugeja,

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Ottubru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-ewwelnett jirrizulta mill-kumpless tal-provi illi l-Kaptan Paul Bugeja kien mizzewweg Nikolina Bugeja li ghandha nofs (1/2) indiviz ta’ dak kollu li sar fiz-zwieg bejn il-konjugi Bugeja, u dan jirreferi kemm ghall-attiv u kemm ghall-passiv u dan bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma’ zewgha. L-eredita’ ta’ l-imsemmi Kaptan Paul Bugeja marret ghand it-tlett uliedu u cjoe’ Judy Bonello mizzewga Gauci, Nicholas Bugeja u Martin Bugeja fil-porzjoni ta’ terz terz (1/3) kull wiehed b’dan ghalhekk li sehem it-tfal mill-istess allegat kreditu tas-socjeta’ attrici huwa fil-kwota ta’ parti minn sitta (1/6) mill-istess.

Illi l-azzjoni promotrici saret kontra l-konevenut Judy Bonello u Nicholas Bugeja u sussegwentament permezz ta’ digriet tal-Qorti tal-5 ta’ Dicembru 2000 gew kjamati in kawza Nikolina Bugeja, armla tal-istess Kaptan Paul Bugeja  u ibnu Martin Bugeja;

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni jirrizulta li Judy Bonello fil-fatt jisimha Judy Gauci u in effetti saret korrezzjoni tal-istess b’digriet datat 14 ta’ Jannar 2008, u dan peress li ma kien hemm qatt dubju dwar l-identita’ tal-istess persuna u f’dan il-kontest hija relevanti s-sentenza **“Carmelo Galea et vs Guido Vella et”** ( P.A. -  31 ta; Lulju 1997) fejn inghad illi:-

*"L-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biss biex jigu identifikati dawk il-persuni udistinti minn persuni ohra. Meta pero' din id-distinzjoni hija cara mhuwiex gust u lecitu li persuna specifika u identifikata tinqeda bi zball jew b'misnomer biex tiskarta mill-obbligi minnha assunti, obbligazzjonijiet legali u altrimenti inorzabbli hlief ghall-fatt ta' dan l-izball".*

Illi fid-dawl ta' dan ma hemm l-ebda dubju li Judy Bonello hija il-persuna li giet identifika bhal bint l-istess Kaptan Paul Bugeja, u permezz taz-zwieg l-istess persuna hija llum Judy Gauci, u ghalhekk minhabba dak hawn deciz u wkoll in vista tad-digriet tal-14 ta' Jannar 2008, din il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi dwar l-azzjoni attrici jirrizulta li l-ammont illi qeghdin jippretendu s-socjeta' attrici huwa ta' Lm1,735.59 u dan jirrizulta gustifikat u ppruvat skond id-dokumenti esibiti b'nota a fol. 144 tal-process fejn gew esibiti *statements* u *invoices* mmarkati bhala Dok. "GG1" sa Dok. "GG9". Il-kotba li gew stampati huma hemm indikati fosthom 'Pocket Dictionary & Phrase Book', 'Maltese How to Read and Speak it' "Bullets for My Love", 'Scenario II' u "Colourful Malta" (fol. 112) u fl-affidavit attrici hemm indikat ukoll l-valur tal-istess xoghol u l-pagamenti li saru akkont u li dan iwassal ghall bilanc li huwa s-sorte fl-azzjoni odjerna.

Illi jinghad fl-ewwel lok li mid-dokumenti esibiti ma jidhirx li hemm ebda kontestazzjoni dwar l-*invoices* mibghuta lil Kaptan Paul Bugeja u jirrizulta wkoll li ghall-wiehed mill-kotba mertu ta' din il-kawza u cioe' 'Pocket Dictionary & Phrase Book' mill-prezz ta' Lm1,218 il-Kaptan Bugeja hallas l-ammont ta' Lm1,000 akkont tal-prezz.

Illi jirrizulta illi, sussegwentament, kien hemm stampar ulterjuri ta' 'Pocket Dictionary & Phrase Book' flimkien 'Maltese How to Read and Speak it'. L-*invoices* ghall-ippubblikar ta' dawn il-kotba kien jammonta ghal Lm 2,067.59 li minnhom l-Kaptan Bugeja hallas Lm1,000 akkont tal-prezz hekk kif imnissel f'annotamenti ta' Kaptan

Bugeja fuq ittra illi huwa stess kien kiteb lis-socjeta' attrici datata 3 ta' Mejju 1993 (Dok. "GG 9" – fol. 153).

Illi dwar il-ktieb "Scenario II" jirrizulta li kienu saru xi negozjati wara il-prezz li l-socjeta' attrici kellha tnaqqas mill-ammont orginali mitlub minnha (Dok. "AG 6" sa "AG8" a fol 185 sa 187 tal-process). Minn prezz originali ta' Lm940.25 tnaqqset is-somma ta' Lm190.25 bhala *'discount'* izda l-Kaptan Bugeja innota bil-miktub fuq l-*invoice* illi huwa kien ftiehem illi l-prezz globali ikun ta' Lm600 u mhux Lm750 (il-prezz wara *d-discount*) u dan skond *invoice* originali li kellu hu (skond l-annotamenti tieghu – Dok. "AG6" a fol 185). Xorta wahda Kaptan Bugeja kien hallas Lm300 akkont tal-prezz u hija fehma ta' din il-Qorti illi l-ammont li kellu jithallas mill-Kaptan Bugeja ghal dan l-ahhar *invoice* kien ta' Lm750 u dan anke ghaliex ma gietx esibita l-*invoice* originali illi Kaptan Bugeja sostna li kellu u dan apparti li jidher dak li jidher mid-Dok. "B1" (fol. 42) datat 12 ta' Novembru 1992 li hija invoice proprju ghall-ammont ridott ta' Lm750.

Illi fil-fatt jirrizulta li mis-somma ta' Lm1,735.59 dovuti lis-socjeta' attrici kull ma huwa kontestat mill-konvenuti huwa bazikament l-ammont ta' cirka Lm150 appena fuq indikat u dan kif minn *fax* mibghut minn Nicholas Bugeja lil Godfrey Grima (Dok. "AG3") a fol. 179 tal-process. Fil-fatt din il-korrispondenza mibghuta mill-imsemmi konvenut taccetta li kien hemm l-ammont ta' Lm1,585.59 li huwa dovut u ghalhekk id-differenza ghal dik li hija t-talba attrici hija proprju ta' Lm150.

Illi hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi s-socjeta' attrici ippruvat illi l-ammont dovut mill-armla ta' l-istess Kaptan Paul Bugeja u minn uliedu bhala eredi tal-istess huwa dak fl-ammont ta' Lm1,735.59.

Illi pero' jirrizulta li l-kjamati fil-kawza Nikolina Bugeja u Martin Bugeja qed jeccepixxu l-preskrizzju a bazi tal-**artikoli 2148 (a) tal-Kap 16** u din il-Qorti thoss li tali preskrizzjoni ma' tapplikax ghall-istess kjamati fil-kawza u dan peress li s-socjeta' attrici ma hijiex wahda mill-persuni indikati fl-istess artikolu.

Illi l-istess kjamati in kawza Nikolina u Martin Bugeja jeccepixxu l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili** li jipprovdi li:-

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:"*

*"(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Illi fil-kawza **"Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** (P.A. -  12 ta' Ottubru, 2004) inghad li ghalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu **2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** il-kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn. Ta' min jghid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-**artikolu 2156** huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare*.

Illi dawl ta' dan din il-Qorti thoss li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik eccepita u jirrizulta lil-ahhar servizz li inghata mis-socjeta' kien fil-31 ta' Mejju 1993 u l-ahhar pagament akkont li sar kien fit-30 ta' Lulju 1993 u la darba l-kawza giet prezentata fil-5 ta' Marzu 1997 kontra l-konvenuti Judy Bonello llum Gauci u kontra Nicholas Ellul, u dawn ipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fid- 9 ta' Frar 1008 mela allura l-preskrizzjoni ma tapplikax fil-konfront tal-istess.

Illi dwar il-kjamati fil-kawza Nikolina Bugeja u Martin Bugeja illi gew kjamati in kawza nhar il-5 ta' Dicembru 2000 dawn jsostnu illi l-ittra ufficjali pprezentata fis-sena 1995 ma' tinterrompix il-preskrizzjoni ghaliex giet ipprezentata biss kontra Antoine Gauci ghan-nom ta' l-eredi meta ma irrizultax li kellu rapprezentanza ta' l-istess

eredi. Fit-trattazzjoni tal-kawza ma' giex ippruvat illi Antoine Gauci kien qieghed jagixxi ghan-nom tal-eredi ta' Kaptan Paul Bugeja u huwa risaput illi ittra ufficjali tehtieg li tigi notifikata sabiex issehh interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Izda meta ssir l-azzjoni innifisha il-prezentata tal-att gudizzjarju innifsu jinterrompi l-preskrizzjoni minghajr il-htiega ta' notifika.' **"Perit Joseph Sultana vs Ronald Gaerty"** (A.C. – 1 ta' April 2005).

Illi taht dan l-aspett jidher li fil-konfront tal-kjamati in kawza l-azzjoni hija preskritta ghaliex huma gew kjamati in kawza fil-5 ta' Dicembru 2000 u cioe' iktar minn hames snin wara l-ahhar pagament li sar fis-sena 1993. Izda mill-atti processwali jirrizulta li almenu fl-ittra datata 22 ta' April 1997 (Dok. "AC 3") Nicholas Bugeja irrikonoxxa anke ghan-nom ta' ommu u ta' l-eredi li kien dovut lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm1,585.09 u allura din il-Qorti thoss li b'dan ir-rikonnoxximent tad-dritt tas-socjeta' attrici hemm ksur tal-preskrizzjoni bit-taghrif tal-imsemmi jedd attrici minn naha tal-istess konvenut li kien qed jagixxi ghan-nom tieghu u tal-konvenuta l-ohra u tal-kjamati fil-kawza indikat **(artikolu 2133 tal-Kap 16),** tant li fl-istess ittra jidher car li ma kienx qed jirreferi ghalih biss tant li uza l-plural fir-rikonoxximent tal-istess pretensjonijiet attrici. B'hekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi michuda. Fil-fatt qed jirreferi dejjem ghall *"position according to us"* u wkoll *"we agree to the amounts of Lm1067 and Lm218.00".*

Illi mhux hekk biss izda jidher car li l-istess Nicholas Bugeja kien qed jagixxi ghan-nom tal-werrieta u ghalih innifsu u anke ghan-nom ta' ommu fit-trattivi kollha li kienu qed isiru mas-socjeta' attrici wara l-mewt tal-Kaptan Paul Bugeja, kif inhu ammess fl-affidavit ta' Antoine L. Gauci datat 24 ta' Marzu 2006 (fol. 166) u ghalhekk din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz hemm ksur tal-preskrizzjoni fil-konfront kemm tal-konvenuti u tal-kjamati fil-kawza. Dan apparti li jidher ukoll li b'korrispondenza datata 16 ta' Marzu 1994 anke l-istess Antoine Galea kien qed jagixxi ghan-nom tal-istess persuni u fl-istess ittra Dok. "AG 2" (fol. 178) ma jidhirx li qed jigi kontestat l-ammont ta' Lm1,735.59 izda l-

pretensjoni tal-istess kienet ibbazata fuq l-allegazzjoni ta' tpacija.

Illi il-konvenuti jikkontendu illi dan l-ammont irid jigi paccut mal-ammonti illi l-eredi tal-Kaptan Bugeja u l-armla tieghu ghandhom jinghataw mis-socjeta' attrici bhala *royalties* ghall-kotba inkluzi 'L-Ilsien Taljan', 'Wonderful Malta', 'Taghlim ghal Kulhadd Malti-Ingliz', 'Dictionary of Correct English Usage', 'Scenerio One' u 'Scenario Two'.

Illi izda mill-atti tal-kawza jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn s-socjeta' attrici u Kaptan Bugeja ghar-rigward id-drittijiet ta' l-awtur fis-sens illi tali drittijiet baqghu proprjeta' tal-Kaptan Paul Bugeja. Dan certament japplika ghall-kotba kollha li dwarhom hemm kontestazzjoni pero' jinghad li fil-kaz tal-ktieb 'Taghlim Ghal Kulhadd Malti – Ingliz' (fol.119) fl-istess pubblikazzjoni hemm il-kliem *"(c) drittijiet riservati minn Grima Printing & Publishing Industries 1991. Id-drittijiet kollha huma riservati. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tigi riprodotta f'kull forma u b'kull metodu ta' stampar inkluzi l-fotokopja u l-irrekordjar jew b'xi sistema ohra minghajr il-permess bil-miktub tal-pubblikaturi"'*

Illi din il-Qorti tirrileva li ghal dak li jirrigwarda cessjoni ta' drittijiet ta' l-awtur fil-kawza **"Stephen Formosa Ltd vs Eros Trading Co Limited"** (P.A. – 16 ta' Mejju 2003) illi, cessjoni ta' drittijiet ta' l-awtur bi ftehim, jew ghoti ta' licenza biex jintghamel att kontrollat minn drittijiet ta'l-awtur, l-**artikolu 12 (3) tal-Kap. 196** ighid hekk:

*"12. (3) Ebda cessjoni ta' drittijiet ta' l-awtur u ebda licenza biex jintghamel att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta' l-awtur ma jkollha effett jekk ma tkunx bil-miktub".*

Illi b'hekk l-ebda cessjoni jew ghoti ta' licenza li jsir bil-fomm m'ghandu ebda effett fil-Ligi u f'dan il-kuntest huwa importanti li Antoine Gauci jammetti fil-xhieda tieghu in kontro-ezami a fol 275 tal-process illi dwar *ir-royalties* tal-kotba ta' Kaptan Bugeja ma' kienx hemm ftehim bil-miktub.

Illi jinghad ukoll li mill-atti processwali l-istess socjeta' attrici qatt ma ippretendiet li hija akkwistat xi drittijiet fuq il-kotba tal-Kaptan Bugeja b'hekk id-drittijiet tal-awtur baqghu vestiti fl-istess Kaptan Bugeja u martu u sussegwentement f'idejn l-eredi tieghu u dan japplika wkoll ghall-ktieb "Taghlim Ghal Kulhadd Malti – Ingliz" u dan peress li ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub ghat-trasferiment tal-istess **("Maestro Joseph Gatt vs Rev. Kap. Joe Magro"** – P.A. 25 ta' Jannar 2002).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-istess Kaptan Paul Bugeja bazikament ma ghamel l-ebda talba ghall hlas ta' xi ammont bhala *royalties* u r-riferenza ghall-inkartament Dok. "AG 11" ma jistax jghin lill-konvenuti u l-kjamati fil-kawza ghaliex fil-fatt dan l-abboz qatt ma gie ffirmat mill-partijiet. Fil-fatt jidher li l-pubblikazzjonijiet l-ohra kollha saru fuq insistenza ta' Paul Bugeja stess, li kien ikkonvinca lill Godwin Grima ghan-nom tas-socjeta' attrici sabiex tiehu r-riskju tal-pubblikazzjonijiet hija, u kien bizzejjed ghall-Kaptan Bugeja li tali xoghlijiet tieghu jigu ppublikati.

Illi ghalhekk dwar il-pubblikazzjonijiet l-ohra din il-Qorti thoss li ghandha taccetta l-versjoni moghtija minn Godfrey Grima fl-affidavit tieghu tat-12 ta' Mejju 2004, li huwa korroborat mix-xhieda ta' David Moore, fejn jidher li l-unika arrangament li kien hemm mal-Kaptan Paul Bugeja fuq il-pubblikazzjoni ta' certu kotba mis-socjeta' attrici huwa li dan sar fuq talba tal-istess Kaptan Bugeja stess u dan peress li f'dawn il-kotba ir-riskju tal-intraprisa gie assunt kollu kemm huwa mis-socjeta' attrici – u kull pubblikazzjoni saret bil-kunsens tal-istess Kaptan Bugeja u fuq talba tieghu stess, sabiex tghin lill-istess sabiex certu xoghlijiet jigu ppublikati, minghajr ma' huwa jiehu ebda riskju. B'hekk ma kien hemm ksur ta' l-ebda drittijiet tal-awtur u kollox sar bil-kunsens espress tal-istess Kaptan Paul Bugeja li qatt ma ppretenda xejn mill-pubblikazzjoni tal-istess, tant li qatt ma wassal sabiex jvanta l-ebda pretensjoni fuq l-istess mas-socjeta' attrici.

Illi fil-fatt huwa sintomatiku li fil-hlas akkont tal-ammonti dovuti lis-socjeta' attrici, l-istess Kaptan Paul Bugeja kwazi qatt ma talab li mill-ammonti minnu dovuti jitnaqqas xi ammont fuq xi pretiza li l-istess socjeta' attrici kisret d-drittijiet ta' awtur tieghu fuq l-istess pubblikazzjonijiet. Veru li l-konvenuti jaghmlu riferenza ghall-notamenti li allegatament huma tal-Kaptan Bugeja datati 23 ta' Lulju 1990 fejn jinghad li sa dakinhar huwa kellu jiehu minghand is-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm3,565, izda ma' jirrizultax li gie ppruvat b'xi mod li l-istess Kaptan Bugeja ttenta jaghmel tpacija tal-istess ammonti dovuti minnu lis-socjeta' attrici, tant li l-kontijiet li wasslu ghat-talba attrici kienu jinkludu biss il-pagamenti li l-istess Kaptan Bugeja kien jaghmel bi hlasijiet akkont tant li l-kontijiet mertu tat-talba attrici jirrikorru minn 1991 san-1993 u fl-ebda mument ma gie mnaqqas mill-ammont xi ammont li llum qed jippretendu li ghandu jitnaqqas l-armla u l-eredi tal-istess Kaptan Bugeja. Jidher ukoll li l-kwistjoni ta' l-allegata tpacija fuq il-pretensjonijiet vantanti mill-konvenuti u l-kjamati fil-kawza tqajmu biss wara l-mewt tal-istess Kaptan u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li t-talbiet tal-konvenuti u tal-kjamati fil-kawza fil-kontro-talbiet taghhom ghandhom u qed jigu respinti. Ma dan jizdied jinghad li l-allegati notamenti tal-Kaptan Paul Bugeja esebiti bhala Dok. "AG 9" u "AG10" (fol. 186 u 187) tal-process – jikkonsistu f'semplici fotokopja ta' kaligrafija li ma gietx ppruvata li hija dik tal-istess Kaptan Paul Bugeja L-istess jista' jinghad ghad-Dok. "AG 15" sa "AG 17".

Illi jinghad ukoll li l-ebda wiehed mill-konvenuti ma kien involut fit-trattazzjoni li kienu saru mas-socjeta' attrici u huma dahlu biss wara l-mewt tal-Kaptan Paul Bugeja u appuntu wara li saru jafu bil-kont tas-socjeta' attrici. Dan huwa ammess fil-kontro-ezami ta' Antoine Gauci datat 15 ta' Ottubru 2007, li jammetti wkoll li l-Kaptan qatt ma semma' ebda *royalty* hlief dik indikata fid-Dok. "AG 8", u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li t-talbiet tal-konvenuti u tal-kjamati fil-kawza fil-kontro-talbiet rispettivi taghhom ma' jistghux jintlaqghu ghaliex bl-ebda mod ma gew ippruvati.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tal-kjamati fil-kawza inkluz dawk eccepiti mill-istess kjamati fil-kawza ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikoli 2148 (a) u 2156 tal-Kap 16, tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti u l-kjamat fil-kawza Martin Bugeja bhala wlied u eredi tal-Kaptan Paul Bugeja u l-kjamata fil-kawza Nikolina Bugeja, armla tal-istess Kaptan Paul Bugeja huma responsabbli ghall-hlasijiet tad-debiti tal-Kaptan Paul Bugeja versu s-socjeta' attrici;

(2) Tikkundannahom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, tnejn u erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€4,042.55 = Lm1,735) liema somma tirraprezenta prezz ta' stampar ta' kotba maghmul ghall-istess Kaptan Paul Bugeja fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 1995 u bl-imghax legali mid-data tal-istampar tal-31 ta' Mejju 1933 sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenuti u l-kjamati fil-kawza.

Illi dwar il-**kontro-talbiet tal-konvenuti u tal-kjamati fil-kawza**, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' attrici in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u **tichad it-talbiet tal-istess konvenuti u kjamati fil-kawza fil-kontro-talbiet rispettivi taghhom** peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez tal-istess kontro-talba tal-konvenuti a karigu tal-istess konvenuti u dik tal-kjamati fil-kawza a karigu tal-istess kjamati fil-kawza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------